MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2015

Mandat Numru. 593/2015/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 593/2015 JZM fl-ismijiet :**

**Dr Vito Domenico Benvenga**

**(ID Nru. 69576A)**

***kontra***

**Direttur Generali Veterinary and Phytosanitary Regulation Department, Ministru ghall-Izvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikorrentipprezenta rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") fl-14 ta` April 2015.

Il-Qorti rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors.

Fl-14 ta` April 2015, il-Qorti tat digriet fejn, wara li laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati, tathom ghaxart ijiem zmien biex iwiegbu bil-miktub u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-seduta ta` nhar it-Tlieta 28 ta` April 2015 fid-09.15 a.m.

Il-Ministru ntimat kien notifikat fl-14 ta` April 2015.

Fl-24 ta` April 2015, l-intimati flimkien ipprezentaw risposta, ghalkemm mill-atti sa dakinhar ma kienx jirrizulta li d-Direttur Generali ntimat kien notifikat.

Fis-seduta tat-28 ta` April 2015, id-difensur taz-zewg intimati tat ruhha b`notifikata ghad-Direttur Generali ntimat bir-rikors promotur u bl-avviz tas-smiegh tar-rikors.

Ir-rikors kien ittrattat fis-seduta tat-28 ta` April 2015 u thalla ghal provvediment kamerali.

Dan huwa l-provvediment.

## II. **It-talba**

Ir-rikorrent **talab** lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` l-Mandat sabiex l-intimati jinzammu milli :-

***Jiddeterminaw jew bi kwalunkwe mod jkomplu bl-ipprocessar ta` l-ghazla mertu tal-call for applications MSDEC/HR Circular No 07/2015 – Post of Principal Veterinary Officer in the Veterinary and Phytosanitary Regulation Department in the Ministry for Sustainable Development and Climate Change.***

## III. **Il-fatti skond ir-rikorrent**

Ghall-hames snin ta` bejn is-6 ta` Marzu 2006 u s-6 ta` Marzu 2011, huwa kellu kuntratt ta` impieg (**Dok VB1**) mal-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent bhala *Official Veterinarian in Scale 5.* F`gheluq il-hames snin, il-kuntratt ma kienx imgedded u spicca bla impieg. Mar quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex il-kuntratt li kellu jinbidel ghal kuntratt indefinit. B`decizjoni tat-22 ta` Novembru 2011, it-Tribunal Industrijali ddikjara li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent kienet ingusta, u ghalhekk ordna li jerga` jidhol fl-impieg (*reinstatement*). Sar appell mid-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Agrikoltura u Sajd, u l-appell kien deciz favur ir-rikorrent b`sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tad-29 ta` Novembru 2012 (**Dok VB2**). Gara li meta sar ir-*reinstatement* tar-rikorrent fuq bazi ndefinita, ir-rikorrent ma tpoggiex bhala *Officer Veterinarian in Scale 5* izda sar *Officer in Scale 5* kontra rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (**Dok VB3**). L-effett ta` dan kien illi minflok kien rikonoxxjut bhala membru tal-*veterinary stream* beda jitqies bhala semplici ufficjal fis-servizz pubbliku fl-iskala 5. Fl-1 ta` Marzu 2013 sar il-Ftehim Kollettiv bejn il-Gvern u l-Unions (**Dok VB4**) ; ghar-rigward tal-*veterinary and*

*veterinary support staff,* l-iskala 5 tikkorrispondi ghal *Principal Veterinary Officer.* Cio` nonostante r-rikorrent ma sarx *Principal Veterinary Officer.* Ghalkemmipprezenta protest gudizzjarju (**<u>Dok VB5</u>**), baqa` bla risposta. Fis-6 ta` Marzu 2015, l-intimati jew min minnhom hargu sejha pubblika ghall-post ta` *Principal Veterinary Officer in the Veterinary and Phytosanitary Department* (**<u>Dok VB6</u>**) meta dak il-post jispetta lilu bi dritt bhala effett tar-*reinstatement* tieghu. Is-sejha bhala tali hija ta` pregudizzju fil-konfront tieghu.

## IV. <u>Il-fatti skond l-intimati</u>

L-intimati jikkontendu li wara d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fuq riferita, ir-rikorrent dahal fil-kariga ta` *Officer in Scale 5* fi hdan il-*Veterinary and Phytosanitary Regulation Department.* Ir-rikorrent mhuwiex parti mill-*veterinary stream* billi qatt ma applika biex ikun parti minnha. Skond is-sejha tas-6 ta` Marzu 2015 fuq riferita, sabiex persuna tkun eligibbli ghal *Principal Veterinary Officer* trid tkun parti mill-*veterinary stream* fil-grad ta` *Senior Veterinary Officer.* Is-sejha ghalqet u r-rikorrent baqa` ma applikax ghall-post.

## V. <u>L-Art 873 tal-Kap 12</u>

**<u>Skond is-subinciz (1)</u>** :–

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

**<u>Skond is-subinciz (2)</u>** :–

*Il-Qorti* ***<u>m'ghandhiex</u>*** *tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Mela **in linea generali**, tnejn huma l-elementi li rikorrent irid jissodisfa :-

1) irid juri li l-mandat huwa **mehtieg** sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ;

2) irid jipprova li ***prima facie*** ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

... ***huwa rekwizit oggettiv*** *u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Iz-zewg elementi fuq riferiti huma in linea generali. Izda fejn il-Mandat ikun qed jintalab li johrog *kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha* [**Art 873(3**)] l-elementi minn tnejn isiru tlieta u cioe` :–

*Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors, ir-rapprezentant tal-Ministeru ntimat ghamel id-dikjarazzjoni fil-miftuh prevista mill-Art 873(3) tal-Kap 12.

Fil-kuntest tat-**tielet element** li jrid jikkonkorri fil-kaz ta` Mandat *kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha*, partikolarment l-element tal-*pregudizzju*, ghandu jinghad illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista' jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-Mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-Mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

## VI. Konsiderazzjonijiet

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat. Ghalhekk li sejra taghmel il-Qorti huwa li tistharreg jekk jirrizultax il-jedd *prima facie.* Jekk dan il-jedd jirrizulta, allura tghaddi sabiex tqis ir-rekwiziti l-ohra ; jekk dak ir-rekwizit ma jirrizultax, allura ma jkunx hemm htiega li tqis l-elementi l-ohra.

Wara li qieset ir-ragunijiet li gab u kkonferma bil-gurament ir-rikorrent, wara li hadet kont tal-posizzjoni li hadu l-intimati, u wara li kkunsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti hija tal-fehma li saret il-prova tal-jedd *prima facie*.

Il-pern tal-kwistjoni huwa jekk fis-sostanza wara d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali kienx hemm *reinstatement* **effettiv** tar-rikorrent fil-post li kellu qabel kien itterminat l-impieg tieghu. Din il-Qorti tghid illi almenu *prima facie* r-*reinstatement* ma kellux isir kif fil-fatt twettaq meta l-Qorti tqis il-pronunzjamenti tal-qrati u tal-PSC.

Din tal-lum mhijiex kwistjoni ta` nomenclatura. Mhuwiex argument li jinghad li l-iskala 5 fejn kien ir-rikorrent qabel tkecca rega` dahal fiha wara r-*reinstatement* ghaliex l-iskali *principalment* qeghdin hemm sabiex jistabilixxu s-salarju tal-ufficjal pubbliku. Pero` fejn si tratta ta` oqsma professjonali l-kwistjoni mhijiex limitativa ghal materja ta` skali ta` salarju. Din il-Qorti tghid illi r-rikorrent ghandu kull jedd isostni illi *prima facie* s-sejha ma messhiex saret ghaliex bir-*reinstatement* tieghu huwa kien jidhol fil-kariga mertu tas-sejha. Ir-rikorrent bil-gurament isostni li jaghmel parti mill-*veterinary stream.* Ghalkemm l-intimati jikkontestaw dan, il-Qorti m`ghandhiex prova kuntrarja min-naha tal-intimati li mhux hekk huwa l-kaz. Ghall-fini tal-procediment tal-lum mhuwiex rilevanti ghala u fuq liema kriterji kien impjegat ir-rikorrent ghall-ewwel darba. Il-hatra li kellu kienet patwita mal-Gvern u ghal dik il-hatra kellu jkun *reinstated.* Li huwa rilevanti ghall-fini ta` dan il-procediment huwa li ftehim kollettiv ighodd ghall-haddiema kollha ta` azjenda (inkluz is-servizz pubbliku) li jfisser li anke jekk ir-rikorrent mhuwiex membru ta` union dak li kien innegozjat u patwit mill-principal mal-unions li jirrapprezentaw il-maggoranza tal-haddiema jghodd ukoll ghal min ma jkunx membru ta` union. Li kieku jkun xort`ohra, fil-qasam tax-xoghol, hadd ma jkun jaf id-drittijiet u l-obbligi tieghu.

Kif diga` kellha okkazjoni tghid fi procedimenti ohra qabel illum, din il-Qorti tirriafferma li l-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi nbidlet u stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat ghandha jew tintlaqa` jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Dan ifisser illi l-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun proprju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

Billi jirrizulta jedd *prima facie*, il-Qorti sejra tghaddi biex tqis iz-zewg rekwiziti l-ohra.

Dwar l-element tal-*htiega* l-Qorti tirrileva li l-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja. Jekk l-intimati jithallew jipprocedu bl-ghazla, il-Qorti qeghda tara li l-posizzjoni tar-rikorrent tkun tgharrqet ghal kollox ghaliex jispicca jitlef kull rimedju effettiv li jista` jkollu kontra l-intimati. Bil-hrug tal-Mandat, tkun indirizzata l-htiega li r-rikorrent jinghata lura l-jeddijiet li allegatament kienu vvjolati. Fil-fehma konsiderata ta` din il-Qorti, il-hsara li minnha qieghed jilmenta r-rikorrent ma tistax tissewwa xort`ohra. Ghalhekk l-element tal-htiega huwa ppruvat.

Dwar l-element tal-*isproporzjon tal-pregudizzju*, din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-element jirrizulta wkoll tenut kont tal-fattispeci tal-kaz. Bejn sejha ghall-ghazla ta` persuna ghall-hatra ta` *Principal Veterinary Officer in the Veterinary and Phytosanitary Department* u l-posizzjoni tar-rikorrent, il-Qorti tghid illi l-*isproporzjon* fil-pregudizzju jmur kontra r-rikorrent. Il-Qorti m`ghandhiex il-prova li mankanti l-hatra prospettata bis-sejha, is-servizz pubbliku se jgarrab pregudizzju superjuri ghal dak tar-rikorrent. Min-naha l-ohra l-Qorti ghandha quddiemha lir-rikorrent li jaf li jekk titwettaq il-hatra skond is-sejha, ir-*reinstatement* tieghu mill-qrati ikun biss formali ghaliex ikun iddahhal fi skala 5 bla ma kienet effettivament tutelata l-professjonalita` tieghu. Il-Qrati ghandha tfittex is-sostanza mhux il-formalizmu.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrent kontra l-intimati ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni skond kif mitlub fir-rikors. L-ispejjez ta` dan il-procediment ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------